MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2012

Numru. 809/2012

Il-Pulizija
(Sp Gabriel Micallef u Sp Joseph Busuttil)
vs
Gianluca Torres, iben Vincenzo, imwieled Siracusa, Sqallija fl-10 ta’ Frar, 1973, karta ta’ l-identita numru 18571A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-9 ta’ Awwissu, 2012 għal ħabta tas-1.00 a.m. fi Triq il-Maskli, San Pawl il-Baħar:
1. minn ġewwa l-lukanda Santana, mill-kamra numru 29, ikkometta serq ta’ żewġ handbags, portmoni u flus kontanti għad-dannu ta’ Natalie Jayne Heyes u/jew persuni oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u bil-mezz;

2. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
3. talli fil-lejl ta' bejn it-8 u id-9 ta' Awwissu, 2012 naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet tas-27 ta' April, 2012 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Awwissu, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(f), 263, 264, 270, 278(1)(2) u 579 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal piena ta' għaxar xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------